Isem u Kunjom

Indirizz

Kodiċi Postali

Telefon

Mobile

Email

Ħlas: €

b'ċekk jew money order nru

# Applikazzjoni

Firma:

Data:

Cheques u Money Orders għandhom isiru pagabbli lill-Għaqda Biblika Maltija
Ma jiġux aċċettati applikazzjonijiet mingħajr il-ħlas

Ibgħat din il-formola lill-
**Għaqda Biblika Maltija (Istitut Għall-Kultura Biblika),**
Dar il-Bibbja, 62 Triq il-Miratur, Floriana FRN 1101
Tingħata rċevuta għall-ħlas.

Għal aktar informazzjoni tista' ċċempel fuq 21220318 mit-Tnejn sal-Ġimgħa
bejn id-9.30 a.m. u 12.30 p.m. u bejn is-2.30 p.m. u l-4.30 p.m.
Tista' wkoll tibgħat email: ibc@maltabible.com

## Korsijiet Filgħaxija

### X'ġara fil-Passjoni skont San Luqa?

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Alfred Agius |
| Jum: | L-Erbgħa |
| Dati: | Marzu 3, 10, 17, 24 |
| Ħin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 20 |

AA/03/10

Dan il-kors iservi biex nesploraw u nifhmu li Ġesù hu verament il-messija l-imgħallem, kif isejjaħlu San Luqa, għaliex fih iseħħu l-profeziji kollha tat-Testment il-Qadim. Fl-Evanġelju ta' Luqa Ġesù jagħti imħabba speċjali lill-ħalliel u jurina illi Alla lest isalvana sal-aħħar – li l-mewt tiegħu hija b'mod speċjali għal min hu batut, min hu mweġġa', min hu mwarrab (bħal kif kienu n-nisa fi żmienu), u l-istranġieri. Naraw kif San Luqa jsemmi dawn il-kategoriji ta' nies b'mod speċjali u mhux b'mod ġenerali bħall-evanġelji l-oħra.

### Il-bidu tal-Kristjaneżmu f'Malta – Arkeoloġija Biblika

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Mr Glen Farrugia |
| Jum: | It-Tlieta |
| Dati: | April 6,13,20,27 |
| Ħin: | 18.00-19.30 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 20 |

GF/04/10

Il-bidu tal-Kristjaneżmu f'Malta huwa suġġett mill-aktar interessanti. Fl-Atti tal-Appostli hemm xi ħjiel fuq meta seta' seħħ dan il-bidu. Min-naħa l-oħra, jibqa' l-fatt li l-evidenza arkeoloġika relatata ma' dan l-iżvilupp ma taqbilx fis-sħiħ mal-istess żmien li tiddeskrivi l-Iskrittura. Dan il-kors ser jiffoka għalhekk, fuq iż-żewġ tipi ta' evidenzi li għandna: jiġifieri dawk li nsibu fil-Bibbja u dawk arkeoloġiċi. Finalment, bl-għajnuna tal-lecturer, l-istudenti ser ikunu jistgħu jiddiskutu din id-differenza u n-nuqqas ta' konsistenza li hemm bejn dawn iż-żewġ evidenzi.

## Korsijiet Filgħaxija

### Is-Salmi

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Fr Martin Cilia MSSP |
| Jum: | L-Erbgħa |
| Dati: | April 14,21,28 |
| Ħin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 15 |

MC/04/10

Is-salterju huwa l-aktar ktieb fl-Iskritura li huwa użat għat-talb. F'din l-introduzzjoni Fr Martin Cilia jidħol fil-fond tas-salterju bħala ktieb u juri l-unità letterarja u teoloġika tiegħu. Huwa jispjega wkoll xi Salmi fil-kuntest storiku u Kristoloġiku tagħhom.

Dan il kors jista' jkun sabiħ u utli ħafna għal min jixtieq jitgħallem jitlob iktar permezz tas-salmi u għar-reliġjużi li jixtiequ jippenetraw iżjed il-ktieb li jagħti vuċi u espressjoni lit-talb tagħhom.

## Korsijiet oħra

Kors ta' Formazzjoni Biblika mifrux fuq 3 snin - nhar ta' Ħamis

Kors: Il-Latin għall-Bibbja

Kors mifrux fuq sena: L-Erba' Evanġelji

Staqsi għal aktar tagħrif

Min jattendi hu ġentilment mitlub iġib miegħu l-Bibbja biex isegwi waqt il-korsijiet

F'KULL KORS IKUN HEMM BREAK BIR-REFRESHMENTS

# Korsijiet fuq il-Bibbja

## Frar-April 2010

Għaqda Biblika Maltija
MALTA BIBLE SOCIETY

Istitut għall-Kultura Biblika
*Institute for Biblical Culture*

*"Jien żammejt kelmtek f'qalbi"*

(Salm 119, 11)

## Għeżież

Fil-bidu ta' din is-sena l-ġdida 2010 qegħdin inwasslulkom programm ieħor ġdid ta' korsijiet fuq il-Bibbja. L-ewwel sett ta' korsijiet sar bejn Ottubru u Diċembru 2009.

Ikollna ħafna talba għal dawn il-korsijiet Bibliċi. Aħna nagħmlu minn kollox biex infasslu programm tajjeb u interessanti u li jkun jista' jilħaq il-bżonnijiet ta' nies differenti. Kif tistgħu taraw għandna 7 korsijiet ġodda mifruxin fuq 3 xhur. Il-lecturers magħżula huma esperti fis-suġġetti li qed jippreżentaw.

Dawk li jattendu l-korsijiet tal-Għaqda Biblika jafu kemm nieħdu ħsieb nikkuraw id-dettalji biex min jieħu sehem japprofitta kemm jista' jkun mill-kors li jattendi għalih – is-servizzi tagħna nagħtuhom bl-akbar impenn u mħabba lejkom u lejn il-Kelma ta' Alla.

Il-korsijiet isiru kollha fiċ-ċentru tagħna tal-Istitut għall-Kultura Biblika fl-indirizz 51, Triq il-Miratur, Floriana. Hu ċentru attrezzat għall-konferenzi.

Nittamaw li ssibu l-programm interessanti u li tkunu tistgħu tattendu. Nitolbukom tgħaddu din l-informazzjoni lil min ma jafx biha.

Inselli għalikom.



**Grace Cilia**
Segretarja ġenerali
Għaqda Biblika Maltija

Bestprint Co. Ltd., Qrendi • Tel: 21 680 789

## Korsijiet — Filgħaxija

### Il-Madonna fil-Bibbja u fit-Tagħlim tal-Knisja

Naraw flimkien x'tgħid il-Bibbja fuq il-Madonna, biex nagħrfu nagħmlu distinzjoni bejn il-verità u l-ħrejjef li jgħidu xi wħud. Fl-istess ħin naraw kif il-Knisja rriflettiet fuq dak li tgħid il-Bibbja biex setgħet tagħtina t-tagħlim uffiċjali fuq il-Madonna.

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Karm Attard |
| Jum: | It-Tnejn |
| Dati: | Frar 1,8,15,22, Marzu 1,8 |
| Ħin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 30 |

**KA/02/10**

### L-Antropoloġija Nisranija fid-dawl tal-Kelma ta' Alla

X'sens għandha l-ħajja għal min jemmen fi Kristu?

Għal din il-mistoqsija twieġeb *l-ANTROPOLOĠIJA NISRANIJA FID-DAWL TAL-KELMA TA' ALLA.*

Hi din il-Kelma li tikser is-silenzju li jtaqqal ħajjitna u hi din il-Kelma li tixgħel fid-dlam ta'qalbna d-dawl li hu Kristu.

Alla jibqa' jiftaħ djalogu mal-bnedmin **bl-għotja tiegħu nnifsu bħala Imħabba**. Alla jistieden lil kull bniedem u lilna lkoll nidħlu fid-dinamika tal-vera imħabba. Hi din l-Imħabba li tagħtina tabilħaqq il-ħelsien tagħna nfusna u bejnietna. Hi din l-imħabba li twassalna għas-salvazzjoni f'Ġesù Kristu, li kull bniedem jista' bil-Grazzja ta' Alla jħaddan u li tnissel minn issa l-vera paċi tal-qalb.

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Arthur Vella sj |
| Jum: | It-Tlieta |
| Dati: | Frar 9,16,23 Marzu 2,9 |
| Ħin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 25 |

**AV/02/10**

## Korsijiet — Filgħaxija

### Il-Proklamazzjoni tal-Kelma waqt il-Liturġija

Tinħass il-ħtieġa - anke kif sar aċċenn minn xi wħud waqt l-Assemblea Djoċesana ta' Ottubru 2009 - li l-letturi u dawk li jixtiequ jaqdu bħala letturi jkunu mhux biss qarrejja mħarrġin, imma wkoll konvinti li huma msejħin biex jipproklamaw il-Kelma ta' Alla. Hemm differenza bejn kapaċità li taqra u d-don li xxandar il-Kelma. Għalhekk dan il-kors huwa intenzjonat biex ikopri, fost l-oħrajn, dawn it-temi: (i) il-post tal-Kelma ta' Alla waqt il-Liturġija; (ii) l-ispiritwalità biblika li huma msejħin jgħixu l-letturi; (iii) komunikazzjoni u proklamazzjoni tal-Kelma; (iv) ħabbara u mhux qarrejja - responsabbiltà enormi lejn il-Poplu t'Alla.

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Hector Scerri |
| Jum: | It-Tnejn |
| Dati: | Marzu 15,22,29 |
| Ħin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 15 |

**HS/03/10**

### Il-Bniedem: qalb għatxana għal Alla

F'dan il-kors naraw ir-Relazzjoni tal-bniedem ma' Alla u mal-oħrajn skont Santu Wistin f'relazzjoni mal-Iskrittura. Niflu t-tema: Il-bniedem: qalb għatxana għal Alla, membru ħaj ta' umanità f'pellegrinaġġ lejn l-hena etern. Fil-kors inkopru: (1) 'Għamiltna għalik...' - Ix-xbieha ta' Alla fina - Alla l-felicità tagħna. (2) Ħajjitna: pellegrinaġġ fuq l-art lejn il-patrija li hija l-ħajja eterna. L-Istqarrijiet u l-Belt ta' Alla. Svolġiment tat-tema tal-imħabba. (3) Applikazzjoni tal-kunċett tal-imħabba bħala bażi tar-relazzjoni bejn il-bnedmin.

| | |
|---|---|
| Lecturer: | Rev Luċjan Borg OSA |
| Jum: | It-Tlieta |
| Dati: | Marzu 16,23,30 |
| Ħin: | 1800-1930 |
| Lingwa: | Bil-Malti u miftuħ għal kulħadd |
| Ħlas: | € 15 |

**LB/03/10**

# Formola ta' Applikazzjoni

## Korsijiet fuq il-Bibbja Frar-April 2010

***Immarka b'mod ċar il-kors jew korsijiet li tixtieq tattendi għalihom b' ✔***

| | | |
|---|---|---|
| (1) **Il-Madonna fil-Bibbja u fit-Tagħlim tal-Knisja** | KA/02/10 | ☐ |
| (2) **L-Antropoloġija Nisranija fid-dawl tal-Kelma t'Alla** | AV/02/10 | ☐ |
| (3) **Il-Proklamazzjoni tal-Kelma waqt il-Liturġija** | HS/03/10 | ☐ |
| (4) **Il-Bniedem: qalb għatxana għal Alla** | LB/03/10 | ☐ |
| (5) **X'ġara fil-Passjoni skont San Luqa?** | AA/03/10 | ☐ |
| (6) **Il-bidu tal-Kristjaneżmu f'Malta – Arkeoloġija Bibilika** | GF/04/10 | ☐ |
| (7) **Is-Salmi** | MC/04/10 | ☐ |

1. Ibgħat din il-formola flimkien mal-ħlas sħiħ għall-kors jew korsijiet li tixtieq tattendi għalihom sa mhux aktar tard minn nhar it-**Tnejn 25 ta' Jannar 2010**. Tintbagħat irċevuta għall-ħlas
2. L-Għaqda Biblika Maltija tirriserva d-dritt li ma jsirx kors jekk ma jkunx hemm konkorrenza biżżejjed għalih.
3. L-Għaqda Biblika Maltija tirriserva d-dritt li ma taċċettax applikazzjonijiet mingħand persuni mingħajr il-ħtieġa li tagħti raġuni.